// KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

**Minuti tas-67 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**67.01 Talba**

67.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**67.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

67.02.01 Is-S.E. infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**67.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat numri 65 u 66.**

67.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 66 ġew approvati unanimament, filwaqt li s-SE infurmat li dawk tal-laqgħa numru 65, li kienu tal-laqgħa pubblika, kienet ser tibgħathom lill-membri tal-Kunsill iktar tard. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**67.04 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2024**

67.04.01 Kopja tal-verżjoni finali ta' dawn l-estimi ġiet ippreżentata lill-Kunsillieri għal waqt din il-laqgħa, fejn it-tali estimi ġew spjegati fid-dettall mill-*Accountant* tal-Kunsill, li kienet preżenti f'din l-istess laqgħa. Wara l-ispjega mill-*accountant*, dawn l-estimi ġew meqjusa bħala moqrija kif ukoll ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Viċi Sindku issekonda.

**67.05 Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.05.01 Is-Sindku infurmat li l-bankini fi Triq Karmenu Ciantar tlestew mill-kuntrattur ta' Infrastruttura Malta fejn dawn ingħataw il-konkos tat-tip *concrete aggregate*. Minkejja li nżammu l-istess livelli, xorta waħda kien hemm ilmenti minn xi wħud mir-residenti fl-istess triq dwar kif saru l-bankini. Is-Sindku kompliet billi infurmat li l-kuntrattur tal-Kunsill, *Nexos Street Lighting*, li qed jaħdem fuq l-installazzjoni tal-i*street lighting* il-ġdid fuq l-imsemmija bankini, sab li f'parti mill-bankina, ma

setax jgħaddi bil-*cables*. Ir-raġuni x'aktarx li hija li minkejja li l-Kunsill iċċirkola notifika, bieb bieb lir-residenti ta' Triq Karmenu Ciantar, sabiex f'ċerta ġranet ma jaċċessawx il-*garges* tagħhom sabiex jilħaq jinxef il-konkos, kien hemm min mar kontra dan, u jaf seta' ikkawża ħsara fuq il-katusi minn fejn kellhom jgħaddu l-imsemmija *cables*. Is-Sindku qalet li jekk jirriżulta dan, ser jittieħdu passi legali kontra min kien irresponsabbli. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

67.05.02 Rigward Triq in-Nazzarenu u Triq il-Katakombi, is-Sindku infurmat li skond il-Perit ta' Infrastruttura Malta, jekk ix-xogħol jibqa' mixi kif pjanat, fejn daqt ser jingħata l-aħħar saff ta' *tarmac*, dawn it-toroq għandhom ikunu lesti sal-bidu ta' Frar 2024. Flimkien ma' dan ix-xogħol għandha ssir ukoll dik il-parti tat-triq ta' Triq il-Ħajt tal-Matla, fejn kienet ingħatat il-konkos wara l-inċident li kien seħħ fejn kien intlaqat il-Ħajt tal-Matla. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

67.05.03 Is-Sindku semmiet il-problema fit-tqassim tal-posta fl-ewwel residenza fi Sqaq l-Isptar. Dan seħħ wara li l-isem tat-triq, li qabel kien imwaħħal mal-faċċata ta' residenza oħra, tneħħa fuq talba ta' sid id-dar, fejn imbgħad l-imsemmi isem tat-triq twaħħal ftit iktar 'l isfel minn din ir-residenza u konsegwenza ta' hekk din id-dar ġiet qisha tagħmel parti mill-Pjazza u mhux minn Sqaq l-Isptar. Wara diskussjoni mill-Kunsillieri dwar dan, u anke wara parir legali li s-Sindku ħadet, ġie deċiż li l-isem tat-triq għandu jeħel fuq pjanċa fuq arblu, taħt fejn oriġinarjament kien imwaħħal qabel. B'hekk it-tabella ma tkun ma' l-ebda faċċata ta' dar.

67.05.04 Is-Sindku infurmat li talbet laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija, li se ssir nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2024 ġewwa d-Depot, fejn ser ikunu preżenti ukoll is-Sindki ta' Ħal Kirkop u ta' Ħal Safi, sabiex jiddiskutu l-*Community Policing* fl-Imqabba u fiż-żewġ lokalitajiet oħra imsemmijja. L-iskop ta' din il-laqgħa huwa propju biex jiġu indirizzati xi nuqqasijiet li għad hemm f'dan is-servizz kif ukoll dwar il-possibiltà li l-Imqabba, Ħal Kirkop u Ħal Safi ikunu jistgħu jerġgħu jibdew jinqdew ukoll mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq u mhux dik taż-Żejtun peress li ż-Żurrieq huwa iktar qrib.

67.05.05 Is-Sindku tkellmet dwar l-eżodu tal-*Planning Authority hearing* dwar l-applikazzjoni ta' Portelli. Hija spjegat li skond iċ-*Chairperson* tal-*PA*, l-applikazzjonijiet jiġu approvati kemm-il darba l-applikant jimxi mal-*policies* attwali u għaldaqstant, huwa inutli li hi tibqa' tirċievi ċerta oġġezzjonijiet mill-pubbliku u mill-Kunsill Lokali. Dan ifisser ukoll li sakemm il-*policies* jibqgħu dawk li huma u l-applikanti jimxi magħhom, l-iżvilupp ikun jista' jseħħ. Hija qalet illi f'isem il-Kunsill xorta għamlet l-oġġezzjonijiet tagħha u anke rribattit lil ex-Sindku s-Sur Noel Galea meta dan qal li huwa mhux kontra l-proġgett iżda jħoss illi l-Kunsill għandu jieħu ammont ta' flus bħala *planning gain*. Waqt l-istess laqgħa hija saħqet li l-Kunsill ma jinteressaħx mill-flus iżda li dan il-proġett ma jseħħx filwaqt li ċ-*Chairperson* spjega kif l-*planning gain* dejjem tinħadem skond tariffi stabbiliti kif dejjem sar, xi ħaġa li s-Sur Galea jidher li ma kienx infurmat biha. Is-Sindku ssuġġeriet ukoll sabiex il-Kunsillieri kollha jkollhom aċċess għas-sistema *EAPPS* sabiex kollha jkunu jistgħu isegwu l-applikazzjonijiet kollha tal-

PA li jkunu relatati mal-lokal tagħna u f'każ li dan mhux possibbli tal-anqas ikollu aċċess il-Kunsillier Sciberras. Dwar dan kien hemm qbil b'mod unanimu.

67.05.06 Is-Sindku infurmat li se titlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Omar Farrugia sabiex jiġu ndirizzati x-xogħlijiet pendenti, fosthom xi bankini u oħrajn, li għandhom isiru mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, wara li dawn kienu ġew diskussi fi żmien il-Minsitru preċedenti Stefan Zrinzo. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

67.05.07 Is-Sindku infurmat li ser tkun qed torganizza żewġ attivitajiet soċjali li huma l-*Party* tal-Karnival għat-tfal, li ser isir nhar l-10 ta' Frar 2024 bejn is-2pm u l-4pm, u l-*Buffet Breakfast* li d-data meta se jsir għada mhix magħrufa. Għal Jum il-Mara mbgħad isir *Afternoon Tea*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

67.05.08 Is-Sindku infurmat ukoll li tkellmet mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex jagħtuha ħjiel meta ser jingħataw it-tarmak, it-toroq li kienu qed jaħdmu fihom, fosthom Triq Ħal Kirkop għaliex jinsabu fi stat ħażin ħafna. Il-membri ħadu nota ta' dan.

**67.06 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

67.06.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa f'isem resident Imqabbi, dwar parti nieqsa minn bankina nieqsa fi Triq il-Friefet kantuniera ma' Triq il-Katakombi quddiem binja li m'ilhix wisq li ġiet żviluppata. Is-Sindku spjegat li l-bankina ma setatx issir mal-kumplament tax-xogħol li Infrastruttura Malta kienet qed twettaq fi Triq il-Katakombi għar-raġuni li Triq il-Friefet ma kienetx parti mil-pjan ta' xogħlijiet. Madankollu hija ser tressaqha ma' punti oħra li ser ikunu qed jiġu diskussi mas-Segretarju Parlamentari l-Onor O. Farrugia, fil-laqgħa li l-Kunsill ser ikollu miegħu. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

67.06.02 Il-Kunsillier Sciberras talab *update* dwar iċ-*charging pillars* tal-vetturi tal-elettriku. Is-Sindku semmiet li bħala Kunsill weġibna skond kif maqbul dwar il-postijiet fejn l-aħjar li jiġu nstallati; filwaqt li s-SE infurmat li fix-*sharepoint* ta' TM hemm l-approvazzjoni għal tlieta minnhom li huma dik f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, dik fi Triq il-Familja Brancati u dik fi Triq Ħal Kirkop. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

67.06.03 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk saritx it-talba biex isiru l-*plastic bollards* mad-dawra tat-*traffic island* fi Triq Karmenu Ciantar kantuniera ma' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-SE infurmat li t-talba għadha ma saritx. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

67.06.04 Il-Kunsillier Sciberras talab *feedback* dwar it-talba għal żebra crossing fis-*service raods* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn hemm il-*pellican crossings*. Is-SE infurmat li se taħdem fuq din it-talba. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

67.06.05 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar it-tabella tal-iskart li intalbet għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija viċin il-ħanut li jbiegħ il-ħaxix, fejn sakemm tiġi installata t-tabella tal-pjanċa, kellha ssir tabella temporanja bil-*lamination*. Is-SE infurmat li t-tabella

ġiet ordnata filwaqt li dik *laminated* ser teħel fi żmien jumejn oħra għaliex il-*laminator* kienet bil-ħsara. Il-membri ħadu nota ta' dan.

67.06.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-*litter bin* li naqas minn Triq iċ-Ċavi kantuniera ma' Triq Santa Marija. Is-SE infurmat li l-*bin* ġie ordnat flimkien ma' oħrajn. Il-Kunsillier Sciberras staqsa wkoll dwar il-possibiltà li jiġi ordnat *dog litter bin* ukoll għal maġenbu. Is-SE qaltlu li hemm wieħed ordnat żejjed ma' dawk li ntalbu għal faċċata tar-'Remissa' u dak biswit il-Kappella ta' Santa Katerina. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

67.06.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa x'sar mill-*bike racks*. Is-SE infurmatu li erġajna tlabna stimi ġodda għal *bike racks* simili għal dawk li hemm biswit il-Parlament kif diskuss f'laqgħa oħra tal-Kunsill. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

67.06.08 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar ir-*road hump* fi Triq San Bażilju bejn id-*Dos Avos* u n-*New Life Bar*. Is-SE infurmatu li ser tgħaddi t-talba għaliha lil Transport Malta. Il-Kunsillier ħadu nota ta' dan.

67.06.09 Il-Kunsillier Sciberras dwar ir-*railing* fuq il-bankina taż-żonqor fil-Pjazza tal-Knisja kantuniera ma' Triq San Bażilju. Wara li s-Sindku reġgħet spjegat li din hija issue li kellha tinstab soluzzjoni għaliha mal-proġett tal-Pjazza mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, kien hemm qbil li din għandha tiġi ndirizzat wkoll waqt il-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Omar Farrugia.

67.06.10 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-problema ta' aċċess ta' numru ta' garaxxijiet fi Sqaq l-Isptar kantuniera ma' Triq M'Ang Sapiano, fejn kien sar anke *onsite meeting* mal-Perit u mal-Kuntrattur tal-Kunsill. Wara diskussjoni mill-membri rigward dan, kien hemm qbil li għal-laqgħa li jmiss jiġi ppreżentat id-diżinn tal-Perit li juri x'inhi s-soluzzjoni għal din il-problema, filwaqt li tintalab ukoll laqgħa mal-Perit biex jiġi diskuss dan.

67.06.11 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar jekk ġiex identifikat jekk fejn qed joqgħod magħqad ta' ilma f'Ħal Millieri jaqax fil-konfini tal-Imqabba. Is-SE wieġbet li għadha ma ħadmitx fuqha.

67.06.12 Il-Kunsillier Decelis staqsa x'se jiġri fuq il-funtana tal-Ġnien M'Ang Sapiano għaliex din diġà reġgħet mhux qed taħdem. Hawnhekk qamet diskussjoni dwar jekk din għandhix tibqa' mixgħula l-ħin kollha jew le, fejn is-Sindku infurmat li skond l-*electrician* tal-Kunsill, ikun aħjar jekk il-pompa tibqa' dejjem mixgħula sabiex ma tiġrilhix ħsara. Il-membri ħadu nota ta' dan.

67.06.13 Il-Kunsillier Decelis staqsa dwar l-istat tat-tappiera tad-drenaġġ fi Triq Ħal Kirkop, fejn is-Sindku infurmatu li dawn ġew irrappurtati u hemm l-emails li l-Kunsillier qegħdin ikkupjati fihom. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

**67.07 Aġġornament dwar Proġetti**

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council


67.07.01 Is-Sindku tat *update* rigward l-aħħar xogħlijiet fuq il-proġett tal-Ġnien tal-Mentna, fosthom li l-aperturi tal-kamra lesti miż-żebgħa, il-*cladding* għandu jaħdem fuqu fil-jiem li ġejjien il-kuntrattur tal-kunsill Catbros, il-funtana wkoll se jsir xi xogħol fuqha inkluż it-tbattil u l-mili mill-ġdid bl-ilma, il-playing equipment, il-bankijiet u l-litter bins ġew installati, fadal it-tħawwil ta' madwar żewġ siġriet oħra, u jonqos ukoll it-tindif u l-ħasil tal-ġnien. Wara diskussjoni rigward kif ġie mgħoddi l-pipe tal-conduit tas-CCTV cameras ġie deċiż li naraw ftit mal-Projects Manager kif jista' jiġi mgħoddi mod ieħor għaliex il-pipe huwa ta' eyesore u jaf ma jservix fit-tul bl-elementi. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan kollu.

67.07.02 Is-Sindku fakkret fil-bankijiet ta' Triq Karmenu Ciantar kantuniera ma' Sqaq l-Isptar, li għadhom jiġu simili għal dawk tal-Pjazza tal-Knisja. Is-SE infurmat li skond is-*supplier*, dawn għandhom madwar 8 ġimgħat biex jaslu minn barra minn Malta peress li ma jkollux minnom *in stock*. Fuq din kien hemm qbil li għandna mmexxu bl-ordni għalihom. Il-membri ħadu nota ta' dan.

67.07.03 Rigward Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, is-Sindku infurmat li sal-aħħar ta' Jannar 2024 għandhom jitħawwlu madwar 78 siġra li huma nieqsa fis-*central strips*. Fl-aħħar parti tas-*central strip* via Valletta, se jitħawwlu xi *shrubs* li jikkumplimentaw il-bqija tas-*central strips*. L-*upkeep* ta' din il-biċċa se tkun f'idejn il-kunsill sakemm joħorġu *parcels* ġodda li forsi jinkludu din il-parti fejn eventwalment imbgħad tiġi f'idejn Ambjent Malta wkoll. Il-kuntrattur ta' Ambjent Malta, il-GEB, se jagħmel *design layout* tar-*roundabout* tal-Mentna biex isir it-tisbiħ tagħha, u ser jieħdu ħsieb ukoll il-biċċa *soft area* li hemm biswit l-istatwa ta' Santa Marija fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

67.07.04 Is-Sindku infurmat li rigward Ġnien Onġi Onġella qed nistennew mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar wara li qed jistennew xi affarijiet mingħand Transport Malta. Hija kompliet li meta tkellmet mal-Perit sabiex tagħtiha *update*, dwar fhix waslu min-naħa tagħhom, infurmata li weħlu ftit minħabba xi charging station li qed tintalab issir. Fakkret lis-SE li l-laqgħa li kienet talbet xhur ilu mal-Perit u d-Designer għadha ma saritx. Il-membri ħadu nota ta' dan.

67.07.05 Rigward ir-restawr tal-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li t-tender ġie ippubblikat fuq l-EPPS u se jagħlaq nhar il-5 ta' Frar 2024. Is-SE ħadet nota ta' min se jkun fuq il-Bord tal-Evalwaturi, fejn is-Sindku se tkun ċ-Chairperson, il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsillieri Sciberras u Decelis ikunu l-Evalwaturi, u s-SE tkun is-Segretarju tal-Bord. Is-Sur Adrian Mifsud, li ħadem it-*tender*, jinħtieġ li jkun preżenti wkoll. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

67.07.06 Is-Sindku infurmat li rigward il-proġett tal-Heritage Trail, mixjin sew. Is-SE tat update fejn infurmat li kemm l-istone pillars kif ukoll il-perspex ta' fuqhom huma ordnati. Rigward il-perspex ser ngħaddu ftit materjal, milli ingħatajna mill-*Historian* li ħadmet fuq il-kisba tal-informazzjoni kollha storika. Dan sabiex l-imsemmi supplier ikun jista' jipprovdina b'*art work* inkluż il-*QR Code* biex il-

Kunsill ikun jista' jara u japprova kif se jiġu jidhru. Il-membri preżenti ħadu nota ta' dan.

**67.08 Baġit għas-Sena 2024 (*draft*)**

67.08.01 Is-Sindku infurmat li kif diġà ġie diskuss propju fil-laqgħa pubblika li għadha kemm saret qabel din il-laqgħa, ser tintalab reviżjoni tiegħu mill-Accountant tal-Kunsill sabiex imbagħad jitressaq għall-approvazzjoni waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**67.09 *Performance Appraisal* tal-impjegati (amministrazzjoni)**

67.09.01 Is-Sindku infurmat li għada ma ddiskutitx il-*performance appraisals* mal-impjegati. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar kif għandu jsir l-*appraisal*, kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa bejn is-Sindku u l-impjegati b'mod individwali, fejn wara s-Sindku tagħti *feedback* lill-Kunsillieri sabiex ikunu jistgħu jiddeċiedu. Minħabba d-data ta' skadenza sabiex jiġu sottomessi lid-DLG l-*appraisals* tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u tas-Segretarju Eżekuttiv, kellha tiġi skedata laqgħa għal nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar 2024 sabiex jiġu approvati l-imsemmija *performance appraisals*.

**67.10 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

67.10.01 Korrispondenza mill-*Animal Welfare* sabiex nipprovdu lista *updated* ta' *cat feeders*. Is-Sindku ssuġġeriet li għandna ntellgħu *FB post* biex kull min hu *feeder* jirreġistra mal-Kunsill. Is-SE infurmat lil mill-uffiċċju diġà sar eżerċizzju sabiex ġew ikkonfermati d-dettalji ta' dawk li diġà kienu reġistrati magħna u vverifikati li dawk kollha reġistrati għadhom u/jew huma vera *feeders*. Is-Sindku talbet lil Viċi Sindku sabiex jagħmel *vetting* ta' dawk kollha li qed jirreġistraw għaliex mhux ġust li jkun hemm min jibbenifika minn skemi meta dan ma jkunx intitolat.

67.10.02 Korrispondenza mid-Divżjoni għall-Gvern Lokali rigward SPI/SCI/1/2024 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025 fejn permezz ta' din l-iskema nistgħu napplikaw biex isir ir-restawr tan-niċeċ li konna se nirrestawraw permezz ta' fondi oħra li l-applikazzjoni għalihom ma kienetx ġiet aċċettata. Kien hemm qbil li tintbagħat l-imsemmija applikazzjoni.

67.10.03 Korrisondenza mil-LESA rigward Proġetti fil-Komunitajiet 2024. Kien hemm qbil li jaqbel li l-ewwel għandhom jingħalqu l-proġetti kurrenti.

67.10.04 Korrispondenza mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju dwar attivitajiet li jittellgħu fis-Sala tal-Iskola Primarja tal-Imqabba. Fuq din kien hemm qbil li għandha terġa' tinbgħat email mis-Soċjetà lill-Kunsill sabiex il-kontenut tagħha jkun wieħed li jinfthiem aħjar.

67.10.05 Korrispondenza mingħand Social Worker ta' residenta fi Triq Valletta rigward U-Bar quddiem ir-residenza fejn dawn aċċettaw li il-U-Bar għandha titneħħa sabiex

ikun hemm aċċess aħjar meta jkun hemm bżonn interventi bl-ambulanza. Kien hemm qbil li din titneħħa permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill.

67.10.06 Korrispondenza mill-Malta Public Transport rigward il-Bus Stop fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, fejn ġejna notifikati li se jsir it-tressiq tiegħu kif mitlub sabiex ma jibqax installat propju fejn hemm parking bay bajda. Il-memrbi ħadu nota ta' dan.

67.10.07 Korrispondenza mingħand resident fi Triq iċ-Ċavi dwar magħqad ta' ilma. Fuq din kien hemm qbil li peress li bħalissa m'hemmx pjan li din it-triq issir mill-ġdida, ser nieħdu nota sabiex meta jkun hemm il-fondi biex isiru t-toroq mill-ġdida, din it-triq għandha tkun waħda minnhom.

67.10.08 Korrispondenza mingħand l-unika supplier li bgħatilna stima għal servizz temporanju taż-żamma tal-ġonna pubbliċi, fejn fiha nkluż agreement li għandu jiġi ffirmat bejnu u bejn il-Kunsill qabel jibda jipprovdilna s-servizz. Kien hemm qbil li għandna mmexxu b'dan l-agreement wara li nitolbuh jemendah biex jinkludi fih il-fjuri fil-ġonna tar-raħal; filwaqt li tintbagħat it-*termination letter* lill-kuntrattur attwali peress li mhux qed jonora l-obbligi kuntrattwali tiegħu.

67.10.09 Korrispondenza rigward pubblikazzjoni bl-isem *Malta Aerial Photography*..Il-Ktieb ta Joe L. Abdilla. Fuq din kien hemm qbil li nordnaw u nixtru mhux iktar minn ktieb wieħed biss u npoġġuh fil-librerija lokali.

***Fit-7:45pm, peress li kienu għaddew 3 siegħat mil-bidu tal-laqgħa, is-SE staqsiet jekk kienx hemm qbil li l-laqgħa titkompla u dwar dan kien hemm qbil unanimu.***

67.10.10 *PA Permits* mill-*EAPPS*:

*PA 03756/23 - To demolish existing dwelling and to construct six garages at ground floor level (Level 0), two three bedroom apartments in each storey in the overlying three stores (Level 1-3) and one penthouse at the receded floor level (Level 4) - 85, Triq Santa Katarina c/w, Triq il-Kileb, Mqabba*

*PA 07706/23 - To sanction the existing garage as built and change of use to a public service garage - 'Tal-Halib' Garage, Triq il-Parocca, Sqaq Nru.5, Mqabba*

*PA 04023/22 - To construct store for agricultural purposes as shown on attached drawings - Sapienz, Triq, Ix-Xaghri L-Imqalleb, Mqabba.*

Il-membri preżenti b'mod unanimu qablu li ladarba dawn l-applikazzjoni qegħdin skond il-kriterji meħtieġa, m'hemmx lok għal oġġezzjoni fuqhom.

**67.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

67.11.01 Il-Viċi Sindku qal li rċieva lmenti dwar id-dawl qawwi tal-fanali l-ġodda li għadhom kemm ġew installati fi Triq Karmenu Ciantar, u x'inhi l-possibiltà li dan id-dawl jitbaxxa. Is-Sindku qalet li ma tagħmilx sens li wara investiment bħal dak, nibdew

nibdlu l-lampi u nagħmlu spejjeż oħra fuq dan id-dawl tat-triq dekorattiv Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil li jibqa' kollox kif inhu.

67.11.02 Il-Viċi Sindku lmenta dwar id-dawl tat-triq il-ġdid fi Triq l-Aħwa Ghigo u f'Misraħ Missjoni ż-Żgħira li għadu ma tqabbadx. Is-SE infurmat li min-naħa tagħha l-applikazzjonijiet (STLs) ġew sottomessi u rċevejna anke n-*notification numbers* tagħhom. Is-Sindku qalet li għamlet pressjoni mas-Sezzjoni konċernata sabiex ifittxu jitqabbdu. Il-membri ħadu nota ta' dan.

67.11.03 Il-Kunsillier Dingli semma l-ilmenti li hemm mir-residenti dwar parti minn Pjazza Ġublew tad-Djamanti, bejn il-Ġnien tal-Mentna u r-residenzi kważi kantuniera ma' Triq il-Qrendi. Dan għaliex qed ikun hemm diversi vetturi għat-tiswija li qed ikunu pparkjati fis-sit imsemmi u li dan ifisser li l-ispazju għall-parkeġġ qed jiġi moħli filwaqt li qed ikun hemm ukoll ħafna *exhaust* u trabijiet li qed itiru mill-bitħa ta' fejn jissewwew il-vetturi u saħansitra f'din l-istess parti tat-triq peress li ġieli jsir ix-xogħol fuq il-vetturi fit-triq stess. Wara diskussjoni dwar dan kollu, is-Sindku qalet li ser tressaq din is-sitwazzjoni quddiem il-Kummissarju waqt il-laqgħa miegħu li se ssir nhar il-Ġimgħa għaliex dan huwa każ ta' infurzar. Il-membri ħadu nota ta' dan.

67.11.04 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar ir-road humps fit-triq kantuniera ma' Triq iż-Żurrieq. Is-SE fakkret li kellha ssir laqgħa fuq il-post biex jiġu mmarkati l-postijiet eżatti fejn ser jintalbu biex isiru. Is-Sindku skedat data u ħin biex issir din il-laqgħa.

67.11.05 Il-Kunsillier Dingli ssuġerixxa li għandhom isiru żewġ *road humps* fi Triq id-9 t'April 1942. Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil li l-ewwel għandha tiġi ċċirkolata notifika lir-residenti sabiex naraw jekk għandhomx oġġezzjoni għalihom.

67.11.06 Il-Kunsillier Dingli semma l-każ dwar *water seepage* f'residenza f'Misraħ il-Fidwa, fejn jidher li wara diversi rapporti u testijiet tal-ilma li saru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, fl-aħħar instab minn fejn kien ġej l-ilma. Wara diskussjoni dwar dan is-Sindku talbet lis-SE tibgħat lis-CEO tal-KSI u tikkopja lill-Ministru u lir-resident, fejn jingħad li l-Kunsill jippretendi li wara dawn ix-xhur kollha fejn dawn ir-residenti kienu qed isubu ħsara minħabba problema ta' ilma li ma kienetx tagħhom iżda tal-KSI, almenu l-istess KSI tieħu ħsieb tirranġa il-bankina li nqalgħet biex tinstab l-imsemmija problema, fejn din jinħtieġ li tiġi fl-istat originali tagħha.

67.11.07 Il-Kunsillier Dingli staqsa dwar l-istorage boxes fejn ser jintrefa' d-dawl tat-triq tal-Milied. Is-SE infurmat li kellna problema biex inġibu l-istimi għalihom peress li mhux is-suppliers kollha għandhom l-istess qisien. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li l-Kunsillier Dingli jmur jiċċekkja hu personalment biex jara x'hawn fis-suq sabiex inkunu nistgħu nordnawhom. Il-membri ħadu nota ta' dan.

67.11.08 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk hux possibbli jsiru l-1 meter double yellow lines mal-garage fejn għadha kemm saret id-drop kerb fi Triq il-Murselli. Is-SE qalet li dawn jistgħu isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill mingħajr l-approvazzjoni ta' TM.

67.11.09 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk hux possibbli jkompli jsir ftit tindif minn skart goff imħallat li fadal fi Sqaq Buhar. Is-Sindku qalet li għar-raġuni li kien hemm diversi kliem dispreġġjattiv għax il-Kunsill ferrex vjeġġi ta' torba fl-imsemmi Sqaq biex temporanjament jagħlaq il-ħofor kbar li kien hemm, allura iddeċidiet li fi Sqaq Buhar ma jsir xejn iktar. Il-membri ħadu nota ta' dan.

67.11.10 Il-Kunsillier Sciberras semma talba li saret għal *double yellow line* fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' l-Isqaq għaliex qed jipparkjaw vetturi eżatt fis-sit imsemmi u qed ikunu ta' ostakolu u ta' periklku għal vetturi oħra. Kien hemm qbil li għandha ssir talba lil TM sabiex isiru dawn il-linji.

67.11.11 Il-Kunsillier Decelis ilmenta dwar ir-*road hump* li kienet saret tat-tarmak fi Triq Ħal Kirkop li biha qed issir il-ħsara fil-vetturi tar-residenti x'ħin jaċċessaw il-*garages* tagħhom. Filwaqt li s-Sindku fakkret li din il-hump kien hemm approvazzjoni għaliha minn TM u *specifications* ta' kif kellha ssir, wara talba li kienet saret mir-residenti stess, kien hemm qbil li nkellmu lill-kuntrattur li kien ħadimha biex naraw hemmx lok li din titranġa speċjalment bħalissa li hemm ix-xogħol tal-Enemalta għaddej fit-triq.

**67.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/67**

L-iskeda tal-pagamenti nru 08/67 ġiet approvata unanimament; bi qbil ukoll li item 54, il-kuntrattur C. Bonello jitħallas nofs il-kont ippreżentat minħabba nuqqasijiet fis-servizz tiegħu.

**67.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

67.13.01 Il-laqgħa ntemmet fl-10:15 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024 fil-5.30 pm.

Konfermati illum l-Erbgħa 21 ta' Frar 2024.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa** | **Valerie Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |